Minuti tad-disgha u tletin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Hamis 12 ta' Mejju, fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta' bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

- Joe Camilleri fuq Paragrafu 3 – Talab biex issir klarifikazzjoni fuq it-trinka li saret illegalment fuq Kemmuna. Huwa kompla jghid li deher xi artiklu fil gazzetta t-Times fejn issemma l-Kunsill Lokali t'Ghajnsielem. Is-Sindku wiegeb illi l-Kunsill ma kienx infurmat b'dan u wisq anqas talab permess. Is-Sindku ser jikkjarifika dan l-artiklu mat-Times.

- Joe Camilleri Paragrafu 10 - Minflok "il-Kunsill issugerixxa lil Joseph Scicluna u Franco Ciangura" trid tigi "is-Sur Joe Camillieri issugerixxa lil Joseph Scicluna u Franco Ciangura".

- Peter Caruana Paragrafu 11 – hemm zball fl-isem ta' Vince Farrugia. Dan irid jigi jinqara Vince Caruana.

Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u kommunikazzjonijiet mis-Sindku

- Ghajn tal-Hasselin: is-Sindku qal lil prezenti li fil-31 ta' Mejju, 2011 ser jinstema l-permess tal-Ghajn fil-Board tal-MEPA. Dan qieghed rikomandat ghal 'Granted'.

- Kartolini ghal-Kemmuna: is-Sindku qara ittra min ghand Fr. Joe Bezzina mill-Arkivji fejn wera *draft* tal-logo propost ta' Kemmuna u deskrizzjoni fuq il-logo. Is-sur Joe Camilleri issugerixxa li jidhlu forma ta' *waves* li tixbah l-arma t'Ghajnsielem, u minflok iz-zewg torrijiet issir l-istilla. Fr. Joseph Bezzina spjega li *waves* kienu jfissru ghajn, li ghal-gzira ta' Kemmuna ma tmurx ghax m'hemm l-ebda ghajn. Il-Kunsill qabel flimkien ma Fr. Bezzina li fl-arma ta' Kemmuna jkun hemm l-istilla simili ghall-arma t'Ghajnsielem u

torri fin-nofs, fejn jindika t-torri ta' Kemmuna, imdawwar fuq sfond blu li jirraprezenta l-bahar li hemm idawwar din il-gzira.

- PQ min ghand l-Onor. Joe Mizzi rigward il-Belvedere – is-Sindku informa lil presenti li r-risposta kienet wahda urgenti, huwa ha l-informazzjoni u korrispondenza kollha fil-file tal-Belvedere u ghamel kopja ta' kull korrispondenza li saret tul is-snin li ilu ghaddej dan il-progett. Is-sindku qara ir-risposta li baghat il-kunsill flimkien mal-Korrispondenza, fejn fil-qosor ingabru l-korrispondenza kollha li saret bid-dati respettivament. Is-sindku kompla jghid li hu ta' sadisfazzjon ghalih u ghal Kunsill li minn din il-korrispondeza wiehed seta' jinnota kemm il-Kunsill kien konxju ta' dak kollu li kien qed jigri fuq dan il-progett, fejn dejjem ha r-responsabilita li jinforma lill-awtoritajiet b'dak kollu li kien qed jigri, biex jigi salvagwardat il-Belvedere.

- Risposta minghand il-Kumitat ta' l'Ismijiet tat-Toroq fuq proposta tas-sur Joe Camilleri biex Sqaq il-Balliju jinghata isem ta' Mons. DePiro. Ir-riposta minghand is-sur Guzi Muscat kienet tghid li dan l-isem ta' Sqaq il-Balliju ma jistax jinbidel ghal Mons. De Piro ghax ma kienetx ghada l-*policy* li jissemmew ismijiet ta' toroq ghal nies li kienu jezistu diga f'irhula ohra. Is-Sindku qal li huwa ma jaqbilx li din it-triq ghandha tinbidel peress li f'din it-triq joghqodu xi residenti w l-ewwel trid l-approvazzjoni taghhom. Is-Sindku qal li hu kien iltaqa ma l-avukat Victor Bajada li joghqod f'dan l-isqaq, u qallu bil-proposta tad-tibdil ta' Sqaq il-Balliju. L-avukat wiegbu li hu ma kienx jaqbel li l-isem ta' din it-triq jinbidel peress li huwa personalment ghandu xi kuntratti mnezlin fuq dak l-indirizz. Is-Sur Stephen Mercieca stqarr li anke lilu kelmu s-Sur Bajada u qallu li ma jixtieqx li l-isem tat-Triq jinbidel. Hawn il-Kunsill qabel li l-isem ta' din it-Triq jibqa Sqaq il-Balliju.

- E-mail lil Onor. Jason Azzopardi fuq l-istat tar-rampa tal-belvedere – is-Segretarju Ezekuttiv kitbet e-mail lil Onor. Jason Azzopardi ghat-talba tas-Sur Joe Camilleri fejn ir-risposta tieghu kienet li fuq dan il-kaz id-Dipartiment ta' l-Artijiet kien fetah kawza il-qorti kontra l-okkupant tal-Grand Hotel u din kienet ser tinstema fl-24 ta' Mejju, 2011. Hu qal ukoll li l-Kunsill, jekk ihoss il-htiega jista jaghmel parti minn din il-kawza. Il-Kunsill ma qabilx li jaghmel dan u ser jistenna kif ser tinqata s-sentenza tal-qorti.

- Devoluzzjoni l-art Ta' Passi – il-Kunsill ircieva *acknowledgement* ta' l-applikazzjoni ghad-Devoluzzjoni ta' art maghrufa Ta' Passi mid-Dipartiment ghal-Gvern Lokali u mid-Dipartiment tal-Artijiet.

- MEPA - is-Sindku qara xi *notifications* li harget il-MEPA rigward hmieg u mbarazz fuq-zewg zviluppi fit-Triq fuq l-Ghajn.

4. Ghajn tal-Hasselin

Is-Sindku qara r-rapport li baghtet il-MEPA fuq l-applikazzjoni tal-Ghajn, fejn il-board tal-Mepa ser jiltaqa fit-30 ta' Mejju biex tigi diskussa l-applikazzjoni. Hawn is-sur Joe Camilleri stqarr li ilu jisma l-istess haga mis-Sindku ghal-diversi snin. Is-Sindku qal li kien qed jiddispjacih hafna ghal kumment li qal s-sur Camilleri, ghax sal-lum stess kien ghadu qed jigbor informazzjoni u ser jibqa jigbor informazzjoni sa meta jibda l-process tal-bini fuq din l-Ghajn. Hu qal li kien ghadu kif akkwista kopji mil-Gazzetta 'Lehen Is-Sewwa' tas-snin 1953 – 1954 dwar kummenti li saru minn xi residenti minn Ghajnsielem meta giet imwaqqa din l-Ghajn. Is-Sindku kompla jghid li minn dawn l-ittri sar jaf hafna nformazzjoni ta' kif kienet mibnija din l-Ghajn li l-lum il-gurnata hadd ma kien ghadu jaf bihom. Hu qal li qed jzur hafna nies anzjani biex isir jaf aktar fuq din l-Ghajn u li kien ghadu qed jigbor aktar informazzjoni minn Dipartimenti tal-Gvern bhal Works Division f' Malta u Ghawdex, il-Biblijoteka, Fr. Joe Bezzina, minn Santu Spirtu r-Rabat Malta, mil-Muzewijiet f'Ghawdex kif ukoll minn kuntatti li qed ikollu mas-sur Freddie Agius li emigra f'Sydney, l-Awstralja rigward xi ritratti ta' l-Ghajn li kien ha huh, Carmel. Hu kompla jghid li wara zjara lil-Muzew tal-foklore fic-Cittadella, huwa sab l-arma li probabilment kienet imwahla fuq l-Ghajn. Huwa iltaqa mas-Sur Joe Said, li huwa c-Chairman ta' Heritage Malta, fejn talbu l-arma orginiali tal-Ghajn biex titwahhal f'post prominenti gewwa r-replika ta' l-Ghajn, meta tinbena. Is-sindku kompla jghid li s-Sur Said ha hafna interess b'din l-Ghajn u stqarr li ma jsir l-ebda oggezzjoni li Heritage Malta taghti din l-arma, kemm il-darba l-Kunsill igib il-provi li dik kienet l-originali. Is-sindku stqarr ukoll li huwa kellu nformazzjoni li l-hawt taz-zonqor li kien hemm barra l-Ghajn, qieghed mirdum fit-triq, quddiem id-dar tas-sur Spiro Cauchi fil-Pjazza tad-Dehra stess.

5. Pjazza Madonna ta' Loreto

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil prezenti li l-Ministru Giovanna Debono cemplet personalment lilha fejn qaltilha li l-Arcipriet qabel mad-disinn u l-pjanti kollha tal-pjazza u talbet lilha biex tibda tahseb ghat-*tenders*. Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil prezenti li hija ser titlob laqgha mal-Ministru, flimkien mal-Perit Godwin Sultana u s-Sindku biex l-ewwel isir ftehim fuq kemm ser ikunu l-finanzi ghal kull parti u fuq it-*tender proceeding* kif ukoll fuq il-kuntratt li ghandu jigi finalizzat bejn it-tlitt partijiet, jigifieri Il-Ministeru, il-Kunsill u l-Parrocca ta' Ghajnsielem.

6. Zjara minn Onor. Chris Said

Il-Kunsill qabel li jigu diskusi dawn il-punti waqt din il-laqgha:

- It-Triq tax-Xatt l-Ahmar
- Xoghol ta' resurfacing fit-Triq il-Gnien u Pjazza Madonna ta' Loreto

- Rikonstruzzjoni tal-Ghajn tal-Hasselin
- Applikazzjoni taht Measure 313

7. Zjara minn Tolfa – Seminar fuq il-ligi tal-gustisja u l-infurzar mill-Pulizija

Is-Sindku spjega kif b'dispjacir kbir huwa ma setax jattendi ghal dan iz-zjara ghax kien imsiefer fuq xoghol iehor tal-kunsill. Hu qal li kien ipprepara id-diskors tieghu biex taqrah is-Segretarju Ezekuttiv ghan nom tieghu. Is-Sindku talab lil-Vici Sindku biex jaghti rendikont ta' din il-konferenza fl-assenza tieghu. Il-vici Sindku qal li marru tajjeb f'din il-konferenza. Is-Sindku qal li ghal tip ta' seminar importanti bhal dan xtaq aktar informazzjoni milli semplicement morna tajjeb, bhal per ezempju x'kienu l-items li gew diskussi, il-proposti, x'konkluzjonijiet ittiehdu, l-kummenti tal-pulizija miz-zewg nahat u fuq kollox jekk halliex xi tip ta' impatt tajjeb ghaz-zewg korpi tal-pulizija bejn Malta u Italja. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet lil prezenti li mill-korp tal-Pulizija ta' Malta kien hemm interess kbir.

8. Zjara f'Erchie

Is-Sindku ta' rendikont dwar il-mawra li l-grupp ta' Ghajnsielem flimkien mal-grupp mill-Gharb fil-belt ta' Erchie, l-Italja b'fondi mill-Ewropa tal-programm Italja-Malta fuq 'Turizmu Religjuz'. Hu qal li flimkien ma dawn it-tlett irhula, kien hemm ukoll zewg irhula ohra mir-Rumanija. Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier, s-sur Peter Caruana jixtieq jirringrazzja lill-grupp kollu t' Ghajnsielem ta' l-interess u l-attenzjoni li wrew fil-laghqat li kellhom, li kienu hafna, fejn anke ippartecipaw. Hu rringrazzjahom ukoll ghal imgieba taghhom ghax l-anqas ilment wiehed ma kien hemm. Is-Sindku qal li kuljum kienu jattendu ghal-laghqat interessanti dwar turizmu religjuz, fejn fost l-ohrajn kellhom laghqat fi Skola ta' l-Arti, ohra fi Skola Sekondarja tal-Lingwi, fl-Iskola Primarja, fil-laghqa publika li saret fil-knisja ta' Santa Lucija fejn attenda professor maghruf minn Milan bi prezentazzjoni fuq it-Turizmu Religjuz. Is-sindku qal li kellhom konferenza interessanti fuq x'jipproducu l-irhula li ppartecipaw f'dan il-programm. Hawn il-Kunsill ta' l-Gharb u Ghajnsielem wrew *video feature* fuq il-festi Ghawdxin fejn wara sarulhom hafna mistoqsijiet kemm mit-Taljani kif ukoll dawk Rumeni dwar il-festi taghna. Hu qal li hu flimkien mas-Sindku ta' l-Gharb kellhom laghqa important hafna mas-Sindku tal-belt ta' Brindisi fejn gew diskussi punti ta' interess li jirigwardjaw turizmu ghal gzira ta' Ghawdex fejn kummercjanti miz-zona ta' Puglia jtellghu fiera kummercjali bil-prodotti li ssib f'dawn l-inhawi. Fosthom hemm dawk taz-zejt u l-inbid kif ukoll prodotti fil-qasam tac-ceramika, dak ta' l-ghasel, manifattura fuq impjanti tal-konkos u affarijiet ohra. Gie deciz li s-Sindku ta' Brindisi jigi mistieden Malta u jbdew it-tahdidiet mal-Kumitat Regjonali ghal Ghawdex biex tkun tista tittelgha din il-fiera. Kull Sindku f'din il-mawra ried jaghti r-rapport tieghu fuq il-lokalita tieghu u x'tofri. Is-

sindki indirizzaw il-messagg taghhom respettivament fil-pjazza tal-lokal nhar il-festa ta' Santa Lucija, kif ukoll fil-laqghat kollha f'dan il-programm, specjalment fl-ahhar laghqa fejn sar l-iffirmar ta' kuntratti.

9. Tender ghal-Lokalitajiet Sostenibbli

L-applikanti ghal-din it-tender huma APS Consult u l-ADI associates. Il-prezz mifthuh huwa ta' €16,100 u €15,222 respettivamet. il-Kunsill qabel li jigu mahtura l-Kumpanija Galea Curmi Engineering, u l-Perit Godwin Sultana biex javalwaw dawn id-dokumenti tat-Tender.

10. Customer Care

- Ittra min ghand l-ghaqda tan-nar fejn qed jitolbu pagament ghat-tizjin ta' l-armar tal-festa tal-Milied ta' l-ahhar sentejn. Il-Kunsill approva li jsir dan il-hlas.
- Triq Cordina – fejn twesset it-triq, peress li telgha bini gdid, jinghata t-tarmac. Is-Sindku wiegeb li x-xoghol ga beda fuq din il-parti tat-triq u ser jinghata t-tarmac.
- Talba ghal-bozza fit-Triq Wied Martin – resident spjega kif l-Enemalta ghaddiet id-dawl f'din it-triq, u ghalhekk huwa qed jitlob li jkun hemm bozza fit-triq. Il-Kunsill approva dan.
- Talba ghal *reserved parking* quddiem il-kunvent tas-sorijiet fit-Triq Gleaneagles – il-Kunsill approva li ssir tabella bil-*keep clear*.
- Ittra mir-residenti tat-Triq Bahhara – ittra t' oggezzjoni biex ma tigix installata antenna tal-mobile fuq xi bejt ta' xi resident. Il-Kunsill qabel li jikteb ittra lil xi hadd mir-residenti li ffirmaw il-petizzjoni u ngharfuhom bis-sitwazzjoni kif inhi, fejn sa issa, il-Kunsill ma ghandu ebda informazzjoni jew talba li ser tehel din l-antenna u jghidilna jekk jafux liema kumpanija ser twahhal din l-antenna u fuq ta' liema resident ser tehel. Fil-passat il-Kunsill kellu talba ohra fuq antenna li twahlet f'din it-triq izda ghalkemm ghamel il-kummenti tieghu dwar forsi xi hsara li din tista taghmel, l-antenna xorta twahlet.

11. Materji ohra

Joe Camilleri

- Ir-riflettur tax-xatt qieghed hemm ghalxejn ghaliex m'hu juri xejn. Is-Sindku ser ikellem lil enginiera tal-Enemalta u jara x'jista jsir.

- Bus shelters f'Ghajnsielem – staqsa jekk dik il-lista li intbaghtet mill LCA humix approvati mit-Transport Malta. Is-Segretarju Ezekuttiv stqarret li dik il lista ghadha mhux approvata minn TM.

- Fontana fit-Triq ix-Xatt – nigbdu l-attenzjoni tal-Ministeru ghal-Ghawdex li din qatt ma hadmet.

- Issugerixxa li nsaqsu lil Onor Chris Said jekk il-Kunsill jistax jghin fil-kwisjoni tal-football mal-Knisja – is-Sindku wiegeb li huwa ma jaqbilx li bhala Kunsill ghandu jidhol f'din il-kwistjoni ghax l-art hija tal-privat, jigifieri tal-knisja u l-Kunsill diga kellu esperjenza simili bhal din fuq il-pjazza. Kieku kienet tal-gvern il-Kunsill kien jaghmel il-parti tieghu. Is-Sindku qal li bhala individwu hu kien gie avvicinat minn membri tal-kumitat biex ikun il-medjatur biex isir ix-xiri ta' parti mill-art minn ghand il-baruni Dr. Bugeja Caruana biex il-*ground* ikun jista jitkabbar u xi affarijiet ohra. Il-prezenti qablu ma dan.

- Staqsa fuq id-dranagg fil-Pjazza Independenza – is-Sindku stqarr li l-hsara li kien hemm kienet trangat.

- Staqsa fuq il-gandott quddiem ta' Mawru – is-Sindku spjega li ser isir mic-CMU.

- Staqsa x'sar mir-ritratti taz-zjara ta' l-anzjani fil-Milied.

- Talba biex il-Kunsill jikteb lil-Assistent Kummisjarju, is-Sur Raymond Zammit biex jigu organizzati serje ta' laqghat mar-residenti u l-pulizija t'Ghawdex biex issir laqgha mal-Kunsill fejn tigi diskussa s-sitwazzjoni fir-rahal t'Ghajnsielem.

- Staqsa ghal kemm progetti tal-Ewropa applika l-Kunsill – is-Segretarju Ezekuttiv informat lil prezenti li s-sena l-ohra il-Kunsill applika fuq tlett progetti tal-Italia Malta, fejn wiehed minnhom gie accettat u l-Kunsill ghadu kemm tellgha grupp ta' residenti minn Ghajnsielem f'Erchie l-Italja fuq programm ta' Turizmu Religjuz. Din is-sena, il-Kunsill applika fuq programm t' informazzjoni taht l-Interreg 4c rigward efficjenza fl-energija u sostenibilita, u taht Measure 313, fuq il-Wied, Playing Field u recreational park f' Ta Passi. Ir-rizultati ta' dawn iz-zewg programmi ghandhom johorgu ghal-ahhar ta' din is-sena.

- Staqsa fuq ir-*roundabout* taz-zebgha fil-Gudja u biex issir roundabout mizbuha ohra fit-Triq Imrejzbiet ma Triq il-Qighan – is-Segretarju Ezekuttiv stqarret li ghadha tistenna xi pjanti minn ghand il-perit ghar-roundabout tal-Gudja izda ghar-roundabout ta' Triq Imrejzbiet hija stqarret li din qatt ma giet imresqa Kunsill. Is-Sindku qal li ma tistax issir roundabout fi Triq l-Imrejzbiet ma triq il-Qighan ghax din kienet T Junction. Madanakollu, wara diskussjoni, il-prezenti qablu li fit-Triq il-Qighan u Triq Imrejzbiet aktar jaghmel sens sinjali tat-toroq li juru direzzjoni.

- Plakka Triq Patri Cesal – is-Segretarju Ezekuttiv stqarret li sabet xi korrispondenza fil-file li juri li ghal xi raguni din il-plakka ma tistax tehel. Hi ser ticcekja ma l-ex. Segretarju Ezekuttiv Anton Zammit dwar x'kienet il-kwistjoni.

- Hamri Street – propona li jitnehhew il-parti tad-*double line* quddiem il-Belvedere, min wara it-tarag. Il-Kunsill qabel li jibghat talba lil Transport Malta.

- Restawr tal-bost fil-Playing field Fr. Hersey – il-Kunsill qabel li jitlob stima tax-xoghol lil Roudolph Cauchi.

- Ippropona li ssir tabella fejn tindika li hemm tempji neolitici –Is-Sindku qal li din ma tistax issir peress li dawn it-tempji jinsabu f'post privat.

- Notice board fil-pjazza – titnaddaf u tigi zbarazzata mill-avvizi.

- Cimiterju u latrina fil-Bajja ta' Santa Marija f'Kemuna – niktbu ittra lil-Ministru ghal-Ghawdex biex jitrangaw dawn iz-zewg postijiet.

Larry Buttigieg

- Ipprezenta kwotazzjoni tat-tazzi ghar-rebh ta' l-isnooker organizzata mil-Kunsill. Il-Kunsill accetta din il-kwotazzjoni ta' €200. Is-sur Buttigieg talab lill Kunsilliera jkunu prezenti nhar il-Gimgha 20 ta' Mejju, 2011, fit 8 ta' filghaxija biex jinghataw it-tazzi tar-rebh. Il-Kunsill approva li jsir xi ftit refreshments waqt is-serata.

- Irringrazzja lil Kunsill tal-bicca tarmac li ser issir fit-Triq Cordina

- Staqsa fuq l-izvilupp tac-Centru Civiku – is-Sindku spjega li l-perit kien ghadu jistenna risposta mil-KMPD sabiex ikun jista jitfa l-applikazzjoni ghal minor amendment. Hu qal li jekk kollox imur sew huwa qed jipjana li sal-festa jkun miftuh.

Peter Caruana

- Issuggerixxa li issir kompetizzjoni f'forma ta' quiz ghat-tfal bejn 10 u 16 il-sena fuq suggetti varji, kemm fuq ir-rahal u kemm fuq suggetti differenti. Kulhadd qabel ma dan.

- Issuggerixxa li jsiru xi tip ta' lezzjonijiet ghat-tfal fis-sajf.

- Isir railing quddiem il-bus shelter fit-Triq l-Imgarr

Il-laqgħa ntemmet fit-6pm. Is-Sindku sejjaħ laqgħa oħra tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju, fil-3.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv